

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004

(2006/845/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),
 - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0104/2006),
1. Jinnota ċ-ċifri li ġejjin għall-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003 ⁽¹⁾

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul mill-operat		
Sussidji tal-Komunità	7 777	3 725
Sussidji oħra	248	0
Rimborż ta' l-infiq	3	0
Dħul ieħor	350	0
Total (a)	8 378	3 725

⁽¹⁾ ĠU C 269, 28.10.2005, p. 5.⁽²⁾ ĠU C 332, 28.12.2005, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

	(f'EUR 1 000)	
	2004	2003
Infiq ta' l-operat		
Staff	5 556	662
Infiq fuq il-bini u nfiq relatat	689	92
Infiq amministrattiv ieħor	743	82
Allokazzjoni għal provvedimenti	89	1
Infiq ta' l-operat	2 081	261
Total (b)	9 158	1 098
Riżultat ta' l-operat (c = a – b)	- 780	2 627
Dħul finanzjarju (d)	0	0
Spejjeż finanzjarji (e)	2	0
Riżultat finanzjarju (f = d – e)	- 2	0
Riżultat għas-sena finanzjarja (g = c + f)	- 782	2 627

(¹) Id-dejta għas-sena finanzjarja 2003 ġew ippreżentati mill-ġdid biex ikunu jistgħu jiġu mqabbla, wara t-tranżizzjoni għas-sistema ta' l-'accruals-based accounting'.

- Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004;
- Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awditi u biex tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY